MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 47/2001/1

**D. Peak Limited, Tal-Franciz Construction Limited, Victor u Penelope konjugi Deguara.**

**vs.**

**Mantwan Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Mejju 2001 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet uzu mill-hajt divizorju li hemm bejn il-propjeta' ta' l-atturi bl-isem 'The Pines' u 'The Oaks', situata f'New Street in Triq it-Torri, Swatar u

dik tas-socjeta’ konvenuta, liema hajt huwa propjeta’ ta’ l-atturi.

Illi l-atturi ghandhom dritt ta’ kumpens ghall-appogg fl-ammont ta’ elf, hames mija u tlieta u erbghin lira u erbgha u ghoxrin centezimu (Lm1,543.24).

Illi s-socjeta’ konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas is-somma fuq imsemmija lill-atturi ghall-appogg minnha dovut skond il-ligi, qed tirrifjuta milli taghmel dan.

Illi r-rifjut *da parte* tas-socjeta’ konvenuta li thallas ghall-appogg fuq imsemmi huwa inspjegabbli u ghalhekk l-atturi ma kellhomx alternattiva ghajr li jistitwixxi dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-atturi ghandhom dritt ta’ l-appogg ghall-uzu maghmul mis-socjeta’ konvenuta fuq il-hajt divizorju bejn il-propjeta’ taghhom li l-istess socjeta’ konvenuta rrendiet komuni;
2. Konsegwentament tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elf, hames mija u tlieta u erbghin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,543.24) jew somma ohra verjuri kumpens ta’ l-appogg stabbilit jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-effettiv pagament u bl-ispejjes komprizi dawk ta’ LM11.50 ghall-kunsulent u dawk ta’ l-ittra legali tas-6 ta’ Ottubru 2000 kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef li jgib id-data tat-23 ta’ Jannar 2001 fejn appunta l-kawza ghas-smiegh ghas-7 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Mantwan Limited datata 5 ta’ Marzu 2001 a fol 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbet ta’ l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-hajt *de quo* huwa mibni kompletament fuq l-art tas-socjeta’ eccipjenti u ghalhekk il-kwistjoni mhijiex wahda ta’ appogg.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, s-somma ta’ Lm1,543.24 pretiza mill-atturi hija esegerata.

3. Illi s-somma li talvolta tista’ tkun dovuta lill-atturi jridu jitnaqsu l-ispejjes li inkorriet s-socjeta` ecipjenti, inkluz dawk relatati ma’ qtugh ta’ blat, wara li l-atturi hadu bicca mill-art tas-socjeta’ eccipjenti u per konsegwenza ta’ dan is-socjeta’ eccipjenti kellha, sabiex jibqghalha l-istess entita` ta’ art li hi kienet xtrat, tisposta l-art taghha fid-direzzjoni opposta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 11 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-7 ta’ Marzu 2001 fejn deher Dr.Lennart Depasquale ghas-socjeta’ attrici u ghall-atturi. Is-socjeta’ konvenuta ssejhet tliet darbiet baqghet ma dehritx. Illi l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef halliet il-kawza ghas-smiegh tal-provi fil-mertu biex tkompli tinstema’ quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta ghad-19 ta’ Gunju 2001. Il-Qorti ordnat lill-atturi sabiex sa zmien tletin jum tax-xoghol minn dak in-nhar jipprezentaw l-affidavits taghhom u tax-xhieda minnhom ndikati, bil-procedura stabbilita fl-**artikolu 160 Kap 12**, bid-dokumenti kollha relattivi, liema affidavits u dokumenti kellhom jigu notifikati lill-parti l-ohra

jew lid-difensuri taghha u b’riserva tal-jedd ghall-kontro-ezami. Fin-nuqqas li jigu pprezentati tali affidavit fi zmien imsemmi f’dan id-digriet, il-Qorti rriservat li tiehu l-provvedimenti li jidhrilha xierqa skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk kif illum attwalment presjeduta tad-19 ta’ Gunju 2001 a fol 15 tal-process fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u tax-xhieda taghhom il-**Perit David Psaila,** prodott mill-atturi u pprezenta ukoll Dokument “DP 1” (fol 17 sa 33); Xehed ukoll **Bartolomeo Caruana** prodott mill-attur (fol 34 sa 40) u l-**attur Victor Deguara** (fol 41 sa 44). Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghall-14 ta’ Novembru 2001 b’dan li l-konvenut inghata l-fakolta li jressaq ix-xhieda tieghu bil-procedura ta’ l-affidavits mhux aktar tard mill-15 ta’ Ottubru 2001 b’kopja lid-difensuri tal-kontro-parti b’riserva tal-kontro-ezami.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-14 ta’ Novembru 2001 a fol 47 tal-process fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Ix-xhud Emanuel Micallef debitament ingunt u msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx ghalhekk il-Qorti sabitu hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti u immultatu jhallas multa ta’ Lm50 u ordnat li jinhareg kontra tieghu Mandat ta’ Skorta ghas-seduta li kien imiss. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghas-26 ta’ Frar 2002. Aktar tard deher ix-xhud Emanuel Micallef li nforma lill-Qorti li ma deherx fil-hin tas-seduta peress li ma sabx l-Awla. *In vista* ta’ dan il-Qorti irrevokat d-digriet ta’ dak in-nhar stess u x-xhud obbliga ruhu li jidher ghas-seduta li jmiss u Mario Micallef xhud ukoll f’din il-kawza obbliga ruhu li jidher.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-26 ta’ Frar 2002 a fol 51 fejn deher Dr Pierre Lofaro ghas-socjeta’ konvenuta u Dr Lennart Depasquale ghas-socjeta’ attrici u David Psaila rapprezentant ta’ l-istess socjeta’ attrici. Xehedu **Emanuel Micallef** prodott mis-socjeta’ attrici (fol 52 sa 55) u **Mario Micallef** prodott mill-attur (fol 56 sa 59). Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u provi tas-

socjeta’ konvenuta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghas-26 ta’ April 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David Scicluna tas-26 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-25 ta’ Gunju 2002 (fol 67) fejn il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tas-17 ta’ Jannar 2003 a fol 72. Il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Marzu 2003.
Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tat-3 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Mejju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta’ Mejju 2003 (fol 74); tat-18 ta’ Gunju 2003; u tal-5 ta’ Novembru 2003 (fol 80) fejn deher Dr.Pierre Lofaro ghas-socjeta’ konvenuta u Dr.Lennart Depasquale ghas-socjeta’ attrici. Xehed **Mario Galea** prodott mill-atturi (fol 81 sa 84). Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tas-socjeta’ attrici ghat-3 ta’ Frar 2004; tat-3 ta’ Frar 2004; tat-2 ta’ April 2004 fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-atturi u ddikjara li ezawrixxa l-provi. Il-kawza giet differita ghal prezentata ta’ l-affidavits tas-socjeta’ konvenuta ghall-21 ta’ Mejju 2004.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta Mantwan Ltd ipprezentata fir-Registru Superjuri fit-13 ta’ Mejju 2004 a fol 87 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta’ Mejju 2004 fejn deher Dr Pierre Lofaro ghas-socjeta’ konvenuta. Il-kawza giet differita ghan-notifika tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta u ghat-trattazzjoni dwar l-istess

ghas-6 ta' Ottubru 2004; tas-6 ta' Ottubru 2004 fejn deher Dr Lennart Depasquala ghall-atturi u Dr Marco Ciliberti li assocja ruhu fil-patrocinju tal-konvenuti ma' Dr Pierre Lofaro. Saru sottomissjonijiet dwar l-amminissabbilta` kontestata mill-atturi ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri. Saru osservazzjonjiet dwar l-eccezzjoni fija nnifisha u l-kawza giet differita ghat-12 ta' Novembru 2004 ghal provvediment dwar l-amminissabbilta` ta' l-eccezjoni f'dan l-istadju; tat-12 ta' Novembru 2004 fejn deher Dr Marco Ciliberti ghas-socjeta` konvenuta.

Rat id-decizjoni u il-provvediment tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-Qorti hekk presjeduta ordnat l-isfliz tan-nota prezentata mis-socjeta` konvenuta fit-13 ta' Mejju 2004 (fol 87) u ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza bil-produzzjoni tal-provi tas-socjeta' konvenuta. Il-kawza giet allura differita ghas-26 ta' Jannar 2005 ghall-kontinwazzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta.

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta Mantwan Limitedipprezentata fir-Registru Superjuri fid-19 ta' Novembru 2004 a fol. 94 tal-process, fejn s-socjeta' konvenuta peress li hassitha aggravata bid-digriet tat-12 ta' Novembru 2003, talbet lill-Qorti joghgobha taghtiha dak il-permess specjali rikjest *ai termini* ta' l-**artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex tappella mill-istess digriet qabel is-sentenza definittiva. Il-qorti kif diversament presjeduta, fid-digriet taghha tat-23 ta' Novembru 2004, ordnat in-notifika ta' l-istess lill-kontro-parti b'hamest ijiem zmien ghar-risposta u appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghat-30 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tat-30 ta' Novembru 2004 a fol 97 tal-process, fejn meta issejhet il-kawza deher biss Dr Pierre Lofaro ghas-socjeta' konvenuta li rrimetta ruhu ghat-talba kontenuta fir-rikors. Il-Qorti fil-waqt li ghamlet referenza ghal motivazzjoni tad-digriet tat-12 ta' Novembru 2004, cahdet it-talba tar-rikorrenti s-socjeta' konvenuta kontenuta fir-rikors taghha datat 19 ta' Novembru 2004. Il-

kawza giet differita ghat-8 ta’ Frar 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta’ konvenuta; tat-8 ta’ Frar 2005; tal-11 ta’ Marzu 2005 (fol 100) fejn deher Dr Pierre Lofaro ghas-socjeta` konvenuta u talab li jipprezenta provi bl-affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba u iddifferiet il-kawza ghall-20 ta’ April 2005 ghall-prezentata ta’ l-affidavits tas-socjeta` konvenuta; tal-20 ta’ April 2005; tas-6 ta’ Mejju 2005 fejn deher Dr Marco Ciliberti ghas-socjeta’ konvenuta u pprezenta l-affidavit ta’ **Manuel Baldacchino** flimkien ma’ dokumenti mehmuza a fol 103 sa 116 tal-process, u mmarkati bhala Dok. “MB 1” sa Dok. “MB 4”. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi bl-inkarigu li tiffissa tliet seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta’ konvenuta. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta Mantwan Limited li ggib id-data 12 ta’ Mejju 2005 a fol 117 tal-process, li permezz taghha esebiet kopja awtentika tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dr Marco Burlo’ tat-23 ta’ Mejju 1995, mmarkat Dok “MB 1” u dan *stante* illi bi zvista l-kopja esebita ma’ l-affidavit ta’ Manuel Baldacchino fis-seduta tas-6 ta’ Mejju 2005 ma kinetx wahda awtentikata.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi a fol 130 tal-process; tat-30 ta’ Gunju 2005 fejn is-seduta giet ikkancellata; tat-13 ta’ Settembru 2005 fejn ma sar xejn; tat-28 ta’ Settembru 2005 fejn xehed il-**Perit David Psaila** prodott mis-socjeta` konvenuta u in kontro-ezami (fol 138 sa 143); u tal-10 ta’ Ottubru 2005, fejn xehed **Manuel Baldacchino** u pprezenta zewg dokumenti mmarkati bhala Dok “MB1” u Dok “LD1”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri tat-18 ta’ Ottubru 2005 a fol 149 tal-process fejn deher Dr. Pierre Lofaro ghas-socjeta’ konvenuta. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Jannar 2006 ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif attwalment presejduta datata 18 ta' Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghall-21 ta' Frar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-21 ta' Frar 2006 a fol 151 tal-process fejn meta issejhet il-kawza deher Dr Lennart Depasquale ghall-atturi u Dr Natasha Sciberras ghas-socjeta' konvenuta li nfurmat lill-Qorti li ma kenitx f'pozizzjoni tindika lill-Qorti jekk is-socjeta' konvenuta lestietx mill-provi jew le. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-25 ta' April 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-25 ta' April 2006 a fol 152 fejn deher Dr Lennart Depasquale ghas-socjeta` attrici u Dr Marco Ciliberti ghas-socjeta` konvenuta. Dr Ciliberti nforma lill-Qorti li kkomunika mas-socjeta` konvenuta biex jaghti l-informazzjoni dwar dak indikat fl-ahhar verbal quddiem il-Qorti u kiteb lill-azzjonisti ta' l-istess socjeta` imma ma kellu l-ebda ezitu, f'dawk ic-cirkustanzi l-Qorti ddikjarat il-provi tas-socjeta` konvenuta maghluqa. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotta

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li ghandhom jithallsu dritt ta' appogg minghand is-socjeta' kovenuta u dan ghaliex qed jallegaw li l-istess socjeta' konvenuta ghamlet uzu mill-hajt divizorju li hemm bejn il-propjeta' ta' l-istess atturi bl-isem 'The Pines' u 'The Oaks', sitwata f'New Street in Triq it-Torri, Swatar u dik tas-socjeta' konvenuta, liema hajt huwa propjeta' ta' l-atturi; l-ammont

ta’ appogg mitlub huwa ta’ elf, hames mija u tlieta u erbghin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,543.24).

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta hija fis-sens li l-hajt gie mibni kollu kemm huwa fuq il-proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk ma tistax tirnexxi l-azzjoni ghall-hlas ta’ appogg. Dwar din l-eccezzjoni, minkejja l-allegazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, din il-Qorti thoss li ma gietx ippruvata, anzi jidher li l-hajt divizzorju inbena mis-socjeta’ attrici wara li sar ftehim bejn il-partijiet kollha involuti u dan kif xehed il-Perit David Psaila u kkorroborat mix-xhieda ta’ Bartolomeo Caruana direttur tas-socjeta’ attrici Tal-Francis Limited, Victor Caruana, Emmanuel Micallef u Mario Micallef. Fil-fatt mix-xhieda prodotta mill-Perit David Psaila jinghad li l-ewwel ma bnew kienu l-atturi u jghid ukoll li dan il-bini ta’ l-istess hajt jghid li dan sar fuq il-linja divizorja ta’ bejn il-kontendenti f’din il-kawza u li giet stabbilita bi ftehim bejniethom (xhieda 19 ta’ Gunju 2001). Dan il-ftehim sar ma’ Emanuel Baldacchino u Twanny Baldacchino li kien jipprezenta lis-socjeta’ konvenuta u wkoll huh u prezenti kien hemm ukoll Charles Camilleri u Anthony Cardona; gie stabbilit ukoll li l-istess bini tal-hajt sar wara *survey* nofs fuq il-proprjeta’ ta’ l-atturi u nofs fuq il-proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta. Fil-fatt meta sar l-istess hajt is-socjeta’ konvenuta bdiet ukoll tibni ma’ l-istess hajt tant li l-attur Victor Deguara kien kellem kemm-il darba lill-istess Baldacchino li kien jghildu li kien ser ihallas izda peress li dan baqa’ ma sarx saret din il-kawza.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti wkoll li qabel inbena l-istess hajt sar *survey* u wkoll kienu saru marki fejn kellu jinbena l-hajt u dan saru mis-*surveyor* Mario Galea, tant li sar l-istess hajt mill-atturi u s-socjeta’ konvenuta utilizzatu u appoggat mieghu u dan wara li l-istess socjeta’ konvenuta qablet ma’ dan kollu, u wkoll li Baldacchino qal lill-atturi kemm-il darba li kellu jhallas lill-perit Psaila li kien hareg il-kont.

Illi dan ikkonfermah Bartolomew Caruana u Victor Deguara fix-xhieda taghhom tad-19 ta’ Gunju 2001. L-istess Emmanuel Micallef il-bennej fix-xhieda tieghu tas-26 ta’ Frar 2002 kkonferma wkoll li kien sar ftehim bejn il-partijiet kollha u kienu saru l-marki u sinjali wkoll fejn kellu

jsir l-istess hajt u fil-fatt huwa bena l-hajt skond kif miftiehem. Tant huwa minnu dan li l-istess xhud sostna li l-bidu kien gja beda jinbena l-hajt izda gie mwaqqaf mis-socjeta' konvenuta, u wara li sar il-ftehim u l-imsemmija marki sar il-hajt mill-gdid skond kif miftiehem bil-marki; is-socjeta' konvenuta wara dan bniet ma' l-istess hajt. Dwar dan hemm il-korroborazzjoni ta' Mario Micallef li bena l-istess hajt ma' Mario Micallef u li xehed ukoll fis-26 ta' Frar 2002.

Illi din il-Qorti thoss li dan l-ftehim ta' fejn kellu jittella l-hajt divizzorju huwa wkoll ikkonfermat mill-konvenut Manuel Baldacchino anke fl-affidavit tieghu datat 20 ta' April 2005 (fol. 103); jaqbel ukoll li l-hajt inbena mill-atturi a spejjez taghhom u dan fejn kien fl-ahharnett miftiehem bejn il-partijiet u mkien ma jidher li gie b'xi mod ippruvat dak allegat mis-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha; anzi l-Perit David Psaila stess fil-kontro-ezami tieghu kkonferma li l-hajt itella' wara li sar *survey* u wkoll meta dwaru sar qbil bejn il-partijiet anke fil-kawza (*vide* xhieda 28 ta' Settembru 2005) u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.
Illi dwar it-tieni eccezzjoni qed jinghad mis-socjeta' konvenuta li l-ammont ta' Lm1,543.24 pretiza mill-atturi hija esegerata u dan ghal diversi ragunijiet indikati fl-affidavit ta' l-istess Manwel Baldacchino.

Illi meta wiehed ihares lejn dawn l-ilmenti, apparti l-fatt dawn setghu tqajmu hafna qabel u direttament mal-atturi u l-perit taghhom din il-Qorti thoss li l-ahhar argument imsemmi fl-affidavit ta' l-imsemmi Baldacchino huwa gustifikat peress li hemm zball aritmatiku ghaliex is-somma ta' Lm2,640 + Lm158.45 + Lm57.41 tammonta ghall-Lm2,856.75 u din diviza min-nofs twassal ghall-Lm1,428.37,5 kif jidher ukoll a fol. 114 tal-process u dan huwa ammess mill-Perit David Psaila fil-kontro-ezami tieghu a fol. 140 tal-process, proprju ghaliex huwa matematiku. L-istess perit ammetta wkoll li bi zball kien nizzel xi xoghol li sar mis-socjeta' konvenuta u allura kellu jonqos mill-kont ukoll u dan partikolarment b'riferenza ghal dak indikat fit-8 u 9 paragrafu ta' l-affidavit ta' Manwel Baldacchino (fol. 104) u dan fl-ammont ta' Lm172.42 (l-

ewwel zewg items tad-Dok. “MB 3” a fol. 113 tal-process) u allura jghid li *“l-ammont korrett kellu jigi ta’ Lm1,248.35 minflok Lm1,543.24”.* Mill-bqija mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li l-ammont ta’ Lm1,248.35 gie ppruvat mill-istess atturi; dan qed jinghad anke fl-isfond ta’ kontestazzjoni ta’ xi rati li hadem bihom l-istess kont il-Perit Psaila (fosthom dawk imsemmija mill-konvenut fis-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2005 – Dok. “MB 1” – fol. 147), li huwa kkonferma li kienu dawk korrenti u li fil-fatt r-rati li attwalment thallsu mill-atturi. Din il-Qorti tinnota li ma giet pprezentata l-ebda raguni ghaliex dan kollu tqajjem wara cirka sitt snin mid-data meta hareg il-kont mertu tal-kawza odjerna datat 25 ta’ Frar 2000 u dan meta jidher li setgha facilment gie indirizzat mill-ewwel u certament meta s-socjeta’ konvenuta ma hijiex fl-istat li hija llum *(vide* xhieda ta’ Manwel Baldacchino ta’ l-10 ta’ Ottubru 2005 – fol. 145). Fid-dawl ta’ dan kollu t-tielet eccezzjoni qed tigi michuda u t-tieni eccezzjoni qed tigi milqugha biss fis-sens li l-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta lill-atturi ma huwiex dak mitlub ta’ Lm1,543.24, izda dak Lm1,248.35, u allura t-talbiet attrici qed jigu milqugha fl-ammont ta’ Lm1,248.35.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u tilqa’ biss it-tieni eccezzjoni ta’ l-istess socjeta’ konvenuta fis-sens biss hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-atturi ghandhom dritt ta’ l-appogg ghall-uzu maghmul mis-socjeta’ konvenuta fuq il-hajt divizorju bejn il-propjeta’ taghhom li l-istess socjeta’ konvenuta rrendiet komuni;

2. Konsegwentament tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elf, mitejn u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsa u tlettin centezimu (Lm1,248.35) kumpens ta’ l-appogg stabbilit kif hawn deciz.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni fit-13 ta' Frar 2001 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Ottubru 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------